MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH R. MICALLEF

Seduta tal-5 ta' Marzu, 2009

Citazzjoni Numru. 1059/2008

Anthony **TABONE** u Christopher Busuttil Leaver, fil-kapacita' taghhom ta' President u Segretarju tal-*Hockey Association of Malta*, ghan-nom u in rapprezentanza tal-assocjazzjoni *Hockey Assosciation of Malta.*

**vs**

Robert **FARRUGIA,** u Keith Abela-Wadge, fil-kapacita' taghhom ta' President u Segretarju tal-*Msida St. Joseph Football Club*, ghan-nom u in rapprezentanza tal-assocjazzjoni *Msida St. Joseph Football Club*.

Il-Qorti**,**

Rat ir-Rikors Mahluf imressaq fl- 20 ta' Ottubru, 2008 bil-procedura sommarja specjali, li bih l-atturi ghar-ragunijiet hemm imfissra, talbu li l-Qorti: (a) taqta' l-kawza minghajr smigh ghall-finijiet tal-art. 167 sa 170 tal-Kapitolu 12 tal-

Ligijiet ta' Malta; u (b) tordna lill-intimati *nomine* jhallsuhom is-somma ta' sittax-il elf mija u disgha u tmenin euro u erbatax-il centezmi (€16,189.14) rapprezentanti arretrati ta' kera lilhom tal-facilitajiet tal-hockey fil-pitch f'Ta' Kordin, immexxi mill-assocjazzjoni attrici ghaz-zmien bejn Frar tal-2006 u Gunju tal-2008. Talbu wkoll l-imghaxijiet legali u l-ispejjez;

Rat id-dokument imressaq mill-atturi *nomine* waqt is-smigh tal-lum;

Rat il-verbal maghmul mill-avukati tal-partijiet waqt is-smigh tal-lum;

Rat in-nota mressqa waqt is-smigh tal-lum mill-konvenuti nomine li biha ammettew it-talbiet kif dedotti fir-Rikors Mahluf;

Billi mill-ammissjoni tal-konvenuti *nomine*, it-talba dedotta fir-Rikors Mahluf tirrizulta pruvata.

Fuq ammissjoni tal-konvenuti nomine tiddeciedi billi tilqa' t-talba tal-assocjazzjoni attrici kif dedotta fir-Rikors Mahluf bl-ispejjez kontra l-konvenuti *nomine*,u bl-imgh axijiet legali fuq l-imsemmija somma b'sehh mill-10 ta' April, 2008, sal-jum tal-hlas effettiv.

Moqrija.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------